

32000R1534

L 175/78

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

14.7.2000

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1534/2000**tat-13 ta' Lulju 2000**

li jistabilixxi ż-żoni ta' produzzjoni sensittiva u/jew gruppi ta' varjetajiet ta' kwalità għolja eżenti mill-applikazzjoni tal-kwota ta' programm ta' xiri lura ta' tabakk mhux maħdum

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunita Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 tat-30 ta' Ġunju 2000 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fit-tabakk mhux maħdum (¹), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1336/1999 (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 34(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2848/98 tat-22 ta' Diċembru 1998 li jipprovdī regoli dattaljati għall-applikazzjoni tar-regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2075/92 fir-rigward ta' l-iskema ta' primjum, kwoti ta' produzzjonijiet u l-ghajjnuna speċifika lighandha tingħata lil gruppi ta' produtturi fif-settur tat-tabakk mhux maħdum (³), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1249/2000 (⁴), il-Kummissjoni għandha tistabilixxi, fuq il-bażi ta' proposti mill-Istati Membri, liema żoni ta' prodotti sensittivi u/jew gruppi ta' varjetajietta' kwalità għolja, sa massimu ta' 25% tal-limitu ta' garanzija ta' kull Stat Membru, għandhom kunu eżentati mill-applikazzjoni tal-programm ta' kwota ta' xiri lura.
- (2) Fuq talba ta' ċerti Stati Membri, dawn il-gruppi ta' varjetajiet ta' kwalità għolja għandhom jiġustabbiliti.
- (3) L-Artikolu 35(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2848/98 jistipula li l-Istat Membru għandu jagħmel pubbliku l-ħsieb tiegħu li jbiegħ mill-1 ta' Settembru biex il-produtturi jkunu jistgħu jixtru l-kwota qabel ma attwalment tinxtara lura. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jaapplika mill-31 ta' Awissu 2000.

(4) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tat-Tabakk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwantijiet ta' gruppi ta' varjetajiet ta' kwalità għolja eżenti mill-kwota ta' xiri lura għall-2000 ħsad huma kif ġej:
fil-Portugall:

Grupp I	1 321 tunnellata.
Grupp II	291 tunnellata.

fi Franzia:

Grupp I	1 438 tunnellata,
Grupp II	2 237,219 tunnellata,
Grupp III	1 302,793 tunnellata

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu jkun jaapplika mill-31 ta' Awissu 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-13 ta' Lulju 2000.

*Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 70.

(²) ĠU L 154, tas-27.6.2000, p. 2.

(³) ĠU L 358, tal-31.12.1998, p. 17.

(⁴) ĠU L 142, tas-16.6.2000, p. 3.